NEWSHEET
TAL-GĦAQDIET
KATTOLIĊI

Nru. 510
Ġunju 2019

DJOĊESI TA' GĦAWDEX

ATT TA' AFFADIMENT TAD-DJOĊESI LILL-MADONNA TA' PINU
Santwarju Nazzjonali Madonna Ta' Pinu
L-Erbgħa 5 ta' Ġunju 2019, 7.30pm

"Nixtieq ħafna li f'din is-Sena Marjana lkoll kemm aħna nagħmlu esperjenza tal-imħabba materna ta' Marija, Omm Ġesù. Għax aktar ma nkunu ċerti li Marija hija Ommna, allura aktar inbiegħdu minna l-mument li nkunu "spiritwalment orfni"...
Bl-għan li l-Knisja fuq din il-ġżira Marjana tibqa' taħt il-ħarsien ta' Marija Ommna, u fl-istess waqt biex fuq l-eżempju ta' Marija tkompli tinbena bħala Knisja-Omm li twennes spiritwalment u materjalment lill-bniedem tal-lum, nagħmel sejħa biex f'rabta ma' Għid il-Ħamsin li ġej il-komunità ekkleżjali tingabar fis-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu u flimkien nagħmlu l-Att ta' Affidament tad-Djoċesi lill-Madonna. Hekk nintelqu f'idejha ħalli twassalna għand Ġesù. Kien Ġesù nnifsu li fil-persuna ta' San Ġwann fdana lil Marija Ommna. Kif jgħid San Lwiġi Marija Grignion de Montfort, "id-devozzjoni lejn il-Verġni Marija hija meħtieġa biss biex il-bniedem isib perfettament lil Ġesù Kristu, iħobbu b'qalbu kollha u jaqdih bil-fedeltà". Kif dakinhar fiċ-Ċenaklu l-Ispirtu s-Santu kkonferma l-maternità ta' Marija li kienet miġbura flimkien mal-Appostli u n-nisa "lkoll qalb waħda jitolbu flimkien" (Atti 1:14), hekk nhar Għid il-Ħamsin li ġej insejħu lill-Ispirtu s-Santu biex iżommna magħqudin ma' Marija Ommna. Kif fl-ewwel żminijiet l-Ispirtu s-Santu nebbaħ lill-Appostli biex iwessgħu dirgħajn il-Knisja-Omm bl-għażla tas-seba' djakni biex jieħdu ħsieb ir-romol (Atti 6), ħa nsejħulu biex idawwal lill-Knisja tagħna ħalli tagħmel dawk l-għażliet favur l-orfni tal-lum."

Mons. Isqof Mario Grech, Ittra Pastorali (68/2019), *Nintelqu f'Dirgħajn Ommna Marija*, 8 ta' Mejju 2019

ORDINAZZJONI TA' DJAKNU U SAĊERDOT
Il-Ġimgħa 14 ta' Ġunju 2019, 6.30pm, Knisja Katidrali

Mario Mercieca (mill-Parroċċa tal-Katidral) se jkun ordnat Djaknu
Elija ta' Ġesù Msallab OCD (Patri Michael Mifsud mill-Parroċċa tal-Għarb) se jiġi ordnat Saċerdot

Lejlet l-ordinazzjoni, il-Ħamis 13 ta' Ġunju, issir Velja ta' Talb fis-Seminarju, fit-8.00pm

Nitolbu għall-Vokazzjonijiet

APPUNTAMENTI TAS-SENA MARJANA

- Is-Sibt 1 ta' Ġunju 2019: Pellegrinaġġ Nazzjonali tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta (Quddiesa fis-6.30pm, li għaliha mistiedna l-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija, sew dawk attiv kif ukoll il-pensjonati, flimkien mal-familji tagħhom)
- L-Erbgħa 5 ta' Ġunju 2019: Att ta' Affidament tad-Djoċesi lill-Madonna (7.30pm)
- 19-21 ta' Ġunju 2019: Infiorata fuq iz-zuntier ta' Pinu
- Il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju 2019: Pellegrinaġġ u Quddiesa għall-Persuni Kkonsagrati
- Is-Sibt 22 ta' Ġunju 2019: Festa tas-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu lil Karmni Grima - Pellegrinaġġ Nazzjonali mmexxi mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Charles J. Scicluna, bis-sehem tal-Isqfijiet Maltin u Għawdxin (10am)

SOLENNITÀ TAL-QALB TA' ĠESÙ
Jum Dinji ta' Talb għall-qdusija tas-saċerdoti
Il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju

Nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Ġunju taħbat is-Solennità Liturġika tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. F'din il-ġurnata fil-Parroċċi kollha u f'diversi knejjes oħra ssir ġurnata ta' Talb u Adorazzjoni Ewkaristika Solenni għall-Qdusija tas-Saċerdoti.
Fil-Parroċċa tal-Fontana ssir Siegħa Adorazzjoni (5.00pm) għall-Qdusija tas-Saċerdoti stess, mmexxija mill-E.T. Mons Mario Grech Isqof t'Għawdex.

Vjaġġ Appostoliku tal-Papa fir-Rumanija
31 ta' Mejju – 2 ta' Ġunju 2019
Nakkumpanjaw lill-Papa Franġisku bit-talb tagħna.

Laqgħa Djoċesana ta' Talb mill-Grupp "Dun Mikiel Attard"
Fil-Parroċċa tax-Xagħra,
il-Ħamis, 27 ta' Ġunju 2019 fis-7.30pm.

1. Is-Sibt	San Ġustinu, Martri. Tifkira (O). / L-ewwel Sibt tax-xahar. Ċenaklu tal-Azzjoni Kattolika (Dar Ċentrali - 4.30pm). **SENA MARJANA**: Pellegrinaġġ mill-Korp tal-Pulizija fis-Santwarju Ta' Pinu (6.30pm). Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Parroċċa, San Ġorġ,Victoria- Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl).
2. Il-Ħadd	**Is-Seba' Ħadd tal-Għid. Tlugħ il-Mulej fis-Sema. Solennità.** It-52 Jum il-Mezzi tal-Kumunikazzjoni Soċjali. Laqgħa għall-Familjari tal-Kleru fis-Seminarju t'Għawdex fl-4.30pm. Festa ta' Sant'Antnin (Franġiskani Minuri, Għajnsielem).
3. It-Tnejn	San Karlu Lwang u sħabu martri Tifkira (O). It-12-il Anniversarju mill-Kanonizzazjoni ta' San Ġorġ Preca (3/06/2007).
4. It-Tlieta	San Pietru ta' Verona, Presbiteru u Martri. Tifkira.
5. L-Erbgħa	San Bonifaċju, Isqof u Martri. Tifkira (O). / Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani. Is-6 Erbgħa ta' Santa Marija. **SENA MARJANA**: Att ta' Affidament tad-Djoċesi lill-Madonna (Santwarju Ta' Pinu - 7.30pm).
6. Il-Ħamis	San Norbertu, Isqof. Tifkira.
7. Il-Ġimgħa	**L-ewwel Ġimgħa tax-xahar**. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi. Quddiesa għall-Professjonisti (Knisja ta' Santu Wistin - 8.30pm). / Laqgħa għall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II). / Is-Sette Giugno (Festa Nazzjonali).
8. Is-Sibt	Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Santu Wistin, Victoria - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl).
9. Il-Ħadd	**Għid il-Ħamsin (Pentecoste). Solennità.** Jum l-Appostolat tal-Lajċi. Festa ta' Kristu Ewkaristiku Salvatur (Parroċċa Għasri).
10. It-Tnejn	Marija Omm il-Knisja. Tifkira (O)
11. It-Tlieta	San Barnaba, Appostlu. Tifkira (O).
12. L-Erbgħa	Santa Pawla Frassinetti. Tifkira. Jum Dinji kontra ix-Xogħol tat-Tfal (ĠM). / Is-7 Erbgħa ta' Santa Marija.
13. Il-Ħamis	Sant'Antnin ta' Padova, Presbiteru u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O). It-2 Dehra tal-Madonna ġewwa Fatima (Knisja ta' Ħamet: 6.00pm: Adorazzjoni. 7.00pm. Quddiesa u Pellegrinaġġ ta' Talb).
14. Il-Ġimgħa	San Eliżew Profeta. Tifkira. / Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm (ĠM). Laqgħa għall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Papa Ġwann Pawlu II - 7.30pm).
15. Is-Sibt	Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa taż-Żebbuġ (6.00pm Adorazzjoni. 7.00pm Quddiesa). / L ejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Savina, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl).
16. Il-Ħadd	**It-Trinità Qaddisa. Solennità. /** Jum il-Missier. Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù (Parroċċa Fontana / Knisja tal-Qalb ta' Ġesù, in-Nadur).
17. It-Tnejn	San Girgor Barbarigo. Tifkira.
18. It-Tlieta	San Erasmo. Tifkira
19. L-Erbgħa	San Romwaldu Abbati. Tifkira. / It-8 Erbgħa ta' Santa Marija.
20. Il-Ħamis	San Silverju Papa.Tifkira.
21. Il-Ġimgħa	San Alwiġi Gonzaga, Reliġjuż. Tifkira (O). **SENA MARJANA**: Pellegrinaġġ u Quddiesa fis-7.00pm Ta' Pinu, għall-Ikkonsagrati fl-okkażjoni tas-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu lil Karmni Grima .
22. Is-Sibt	Tifkira tal-136-Anniversarju tas-sejħa tal-Madonna Ta' Pinu lil Karmni Grima. Festa fis-Santwarju Ta' Pinu. **SENA MARJANA**: Pellegrinaġġ Nazzjonali mmexxi mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Charles J. Scicluna, bis-sehem tal-Isqfijiet Maltin u Għawdxin (10am). / Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' San Franġisk, Victoria - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl).
23. Il-Ħadd	**Il-Ġisem u d-Demm Għażiż tal-Mulej (il-Korpus). Solennità.** Festa ta' San Ġwann Battista (Parroċċa Xewkija).
24. It-Tnejn	It-Twelid ta' San Ġwann Battista. Solennità.
25. It-Tlieta	San Guliermu ta' Vercelli. Tifkira.
26. L-Erbgħa	San. Josè Maria Escrivà. Tifkira. / Jum Internazzjonali kontra d-Droga (ĠM). Id-9 Erbgħa ta' Santa Marija.
27. Il-Ħamis	San Ċirillu ta' Lixandra, Isqof u Duttur tal-Knisja. Tifkira.
28. Il-Ġimgħa	**Il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Solennità.** Jum ta' Talb għall-Qdusija tas-saċerdoti. Adorazzjoni għas-saċerdoti (Fontana - 5pm).
29. Is-Sibt	**San Pietru u San Pawl, Appostli. Solennità**. Festa ta' San Pietru u San Pawl (Parroċċa Nadur). Il-Qalb Bla Tebgħa tal-Imqaddsa Verġni Marija. Tifkira. / Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Ħamet, - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl).
30. Il-Ħadd	**It-tlettax-il Ħadd matul is-sena (Sena Ċ.** Tberik tat-Tarbija fil-Ġuf organizzat mill-Komunità Anawin (Ta' Pinu - 11.15am). Festa ta' San Pawl, Marsalforn.